ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto)** **IS-SITT KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 21** **IT-TNEJN 9 TA' SETTEMBRU 2013**

Il-Kunsill Lokali Itaqa' nhar it-Tnejn 9 ta' Settembru 2013 fis-6.30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (Għaxar Kunsilliera)**

Rosianne Cutajar, Jesmond Aquilina, Ralph Puli, Bjorn Azzopardi, Robert Reno Cremona, Jason Busuttil, Jerome Caruana Cilia, Charles Farrugia, Antoine Saliba Haig u Sean Meli.

Il-Kunsilliera Margaret Mercieca infurmaw li ma setgħux jattendu minħabba impenji oħra.

**TALBA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** qalet it-talba.

**21/01/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 19**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 19 li nżammet nhar it-Tnejn 5 ta' Awwissu 2013, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 19 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**21/01/02 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 20**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 20 li nżammet nhar il-Ġimgħa 30 ta' Awwissu 2013, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Sean Meli** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 20 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**21/02 MILL-MINUTI / KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

21/02/01 **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li r-restawr fuq is-salib tal-Vitorja huwa lest u li bħalissa jinsab għaddej ir-restawr fuq l-istatwa ta' San Ġuzepp.

21/02/02 **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li x-xogħol fuq il-ħitan tas-sejjieħ u l-passaġġi tal-Heritage Trail jinsab għaddej b'ritmu tajjeb filwaqt li beda wkoll ix-xogħol fuq il-bandli f'Tal-Blat. Ix-xogħol fil-Pjazza f'Tal-Ħlas għandu jibda fil-ġimgħat li ġejjin.

21/02/03 **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li x-xogħol ta' bankini ġodda u asfaltar ta' Triq il-Milied tlestha.

21/02/04 **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat li fuq talba tal-Kunsill saret laqgħa mal-Ministeru responsabbli mill-Proġett ta' kontra l-Għargħar fejn tħejja pjan ta' kontinġenza f'kaz li jkun hemm xi maltempata waqt li qed isir ix-xogħol.

21/02/05 **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li fis-seduta li kellu l-Kunsill quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-permess li nħareġ għal proġett tal-Landmark ex-Lowenbrau, il-kaz għadda għas-sentenza li ser tinqata' f'seduta li ħa tinzamm l-għada tal-laqgħa. **Il-Vici-Sindku Jesmond Aquilina** saqsa lis-Sindku jekk ġietx avvicinata mill-applikant dwar xi tip ta' kompromess. Is-Sindku wieġbet li l-applikant avvicinaha u ressaq offerta lill-Kunsill biex il-Kunsill jirtira appell, liema offerta ġiet meqjusa minnha bħala waħda ridikola u mhux realistika meta mqabbla mal-ammont ta' flus li l-applikant suppost ħallas għal kull parkeġġ li ma pprovdiex.

21/02/06 **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ġibdet l-attenzjoni li l-Kunsill għandu eluf ta' ewro x'jiġbor minn ċitazzjonijiet pendenti li huma dovuti lill-Kunsill qabel ma' inħolqu ir-Reġjuni. Is-Sindku Rosianne Cutajar pproponiet biex l-Kunsill jieħu passi permezz ta' ittri legali biex jibda jiġbor dawn il-ħlasijiet ta' multi pendenti. Il-Kunsill approva li jibda dan il-proċess.

**21/02/07** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li l-kunsillier Antoine Saliba Haig ġie magħżul biex jattendi għal Seminar ġewwa t-Turkija fejn il-Kunsill iħallas 30% tal-ispejjez tal-ivvjaġġar. Il-Kunsill approva *nem.con*.

**21/02/08** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li r-restawr fuq il-monument ta' Ġuze Muscat Azzopardi tlesta u ċ-ċerimonja li kellha ssir skont il-mozzjoni li kien ressaq il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia, se ssir fit-13 ta' Ottubru 2013.

**21/02/09** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li l-applikazzjoni għand il-MEPA dwar t-tisbiħ ta' Ġnien Alexandra għaddiet mill-*iscreening stage* u qegħda fil-proċess tal-MEPA.

**21/02/10** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li l-applikazzjoni DNO tal-monument tal-Isports iddaħlet il-MEPA wara li nkisbu l-permessi formali tal-Kunsill Malti għall-Isport u Transport Malta.

**21/02/11** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ipprezentat lill-Kunsill, id-disinn ippreparat mis-Sur Charlot Spiteri Magri, għall-mafkar tal-Vittmi tal-logħob tan-nar. Il-Kunsill qabel unanimament li d-disinn għandu jkun aktar sempliċi fejn id-disinjatur għandu jzomm f'moħħu li dan ser ikun tal-ġebla maltija.

**DOK 'A'**

**21/03** **PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' AWWISSU 2013**

**Is-Sindku** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Awwissu 2013, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara pproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti. **DOK 'B1-3'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Awwissu 2013
**b)** *Bank Payments* Awwissu 2013.
**c)** *Petty Cash* Awwissu 2013.

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara s-Sindku pproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

**Il-Kunsillier Antoine Saliba Haig** ssekonda.

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill approva** l-pagamenti kollha.

**21/04 MOZZJONIJIET**

**21/04/01 MOZZJONI – 75-2013(VI)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar stiednet lill-Kunsillier Sean Meli sabiex jaqra il-mozzjoni mressqa minnu:**

*"Qed nipproponi li ga la darba jekk fil-futur ikun hemm skemi maħruġa ġodda mill-Gvern, il-Belt ta' Ħal Qormi tapplika għal inizjattiva sabiex l-għan tagħha huwa li tiġġenera l-ekonomija u anke t-talenti.*

*Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi għandu japplika billi f'żoni differenti ta' Beltna fejn hemm għad ta' ħwienet, jiġu organizzati sessjonijiet ta' mużika (akustika) flimkien ma' kantanti differenti. Dan qed isir sabiex bħala proġett inħeġġu lil ħwienet ikunu market oriented u kif ukoll joffru servizz f'atmosfera li filwaqt li tkun differenti nkunu bdejna proċess ta' riġenerazzjoni ekonomika fin-naħat differenti ta' Ħal Qormi.*

*Jekk ikun hemm skemi mill-gvern ġodda jew tal-EU wkoll għandna nesploraw il-possibilita' li tibda tiġi żviluppata l-idea ta' mużew kreattiv dwar il-gastronomija Maltija speċjalment il-ħobza Maltija u kif ukoll dwar is-sengħa tal-inbid dan dejjem jista' jsir ukoll jekk is-settur privat ikun interessat"*

**Il-Kunsillier Jason Busuttil issekonda din il-mozzjoni.**

**Ivvutaw Favur Għaxar (10) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova il-mozzjoni 75-2013 (VI).**

**21/04/02 MOZZJONI – 76-2013(VI)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar stiednet lill-Kunsillier Charles Farrugia sabiex jaqra il-mozzjoni mressqa minnu:**

*"Qed nipproponi li jerġa jitwaħħal il-ħadid li kien inqala' meta sar ir-restawr tal-istatwa ta' San Pawl, kif kien qabel sabiex nippreservaw din l-istatwa ghall-istat oriġinali tagħha."*

**Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Għaxar (10) Kunsilliera preżenti.** Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova il-mozzjoni 76-2013 (VI) fejn jekk dan ix-xogħol ma jistax isir mill-ħaddiema tal-Kunsilll għandu jsir minn ħaddied tas-sengħa.**

**21/05 RAPPORTI**

**21/05/01 RAPPORT FINANZJAJRU LI JAGĦLAQ FIT-30 TA' ĠUNJU 2013**

**Is-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat** ressaq ir-rapport finanzjarju għall-perjodu li jagħlaq 31 ta' Gunju 2013, fejn spjega dħul li sar wara li tħallsu flus dovuti mill-Water Services Corporation li sar offset ma' krediti li kien hemm mal-istess korporazzjoni. Bħala spejjez s-Segretarju Ezekutiv spjega li l-Kunsill ikkontrolla sewwa l-ispejjez ta' manutenzjoni izda nefaq aktar minn kemm kien mistenni f'dak li huma attivitajiet kulturali. **DOK 'C'**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet mozzjoni biex jiġi approvat dan ir-rapport finanzjarju għall-perjodu li jagħlaq fit-30 ta' Ġunju 2013.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** issekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Għaxar (10) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni

**Il-Kunsill approva unanimament dan l-abbozz u qabel li jiġi ffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv.**

**21/05/02 SEJĦA GĦALL-OFFERTI : TINDIF TAL-UFFIĊĊJU U LIBRERIJA REĠJONALI**

**Is-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat** informa lill-Kunsill li din is-sejħa għalqet fit-23 t'Awwissu 2013 fejn kien hemm ħames offerti. Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li l-kuntratt prezenti jagħlaq fil-14 ta' Ottubru 2013 u għaldaqstant peress li mhux ser ikun hemm zmien bizzejjed biex isir l-proċess sħiħ ta' aġġudikazzjoni sal-għeluq tiegħu, jeħtieg li jsir tiġdid tal-kuntratt prezenti.

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet mozzjoni biex il-kuntratt prezenti jiġi mġedded għal tlett xhur ħalli jkun hemm ċans bizejjed biex jiġi tterminat l-process ta' aġġudikazzjoni tal-kuntratt il-ġdid.

**Il-Kunsillier Charles Farrugia** issekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Għaxar (10) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni

**Il-Kunsill approva unanimament din il-mozzjoni u għaldaqstant l-kuntratt prezenti jagħlaq fil-14 ta' Jannar 2014.**

**21/05/03 FTEHIM MA' QORMI CLAY SHOOTING CLUB**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** informat lill-Kunsill kien iddeċieda li joffri lill-Qormi Clay Shooting Club l-istess kuntratt li kien ingħata lin-nurseries tal-isports lokali l-oħrajn, fejn ġie aċċettat li dan il-kuntratt ikun fuq sentejn.

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet mozzjoni biex jiġi ffirmat il-kuntratt indikat bħala **DOK 'D'** ma' Qormi Clay Shooting Club.

**DOK 'D'**

**Il-Kunsillier Antoine Saliba Haig** issekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Għaxar (10) Kunsilliera preżenti.** Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni

**Il-Kunsill approva unanimament din il-mozzjoni u għaldaqstant l-kuntratt għandu jiġi ffirmat fil-ġranet li ġejjin**

**21/05/04** **Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** skuza ruħu mil-laqgħa fis-7.05pm

**21/06 KORRISPONDENZA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill din il-korrispondenza dwar: **DOK 'E1-7'**

1. Korrispondenza mingħand GAL XLOKK dwar mizura li għandha toħroġ fil-ġranet li ġejjin dwar tisbiħ ta' postijiet mitluqa fir-rurali, il-Kunsill iddeċieda biex japplika għad-DNO biex jsir tisbiħ tas-soft area ta' Triq is-Sajf ħalli meta toħroġ il-mizura l-Kunsill japplika għal din il-parti.

2. Korrispondenza mingħand Anici dwar l-Iskola ta' Muzika sabiex jixtru zewġ strumenti. Il-Kunsill qabel nem.con peress li din l-ispiza tikkwalifika skont il-kuntratt ffirmat.

3. Kwotazzjoni ta' Eur3776 biex isiru il-Belisha Beacons mal-pedestrian Crossing ta' Triq il-Kbira. Il-Kunsill ma approvax din l-ispiza u qabel li minflok isiru pannelli solari skont sejħa ta' kwotazzjonijiet li kien ħareġ preċedentament il-Kunsill.

4. Korrispondenza minn TCTC sabiex il-Kunsill jorganizza korsijiet tal-kompjuter fejn il-Kunsill iħallas is-somma ta' Eur1150. Il-Kunsill ma qabilx minħabba restrizzjonijiet finanzjarji u ddeċieda li għandu jinforma lit-TCTC li l-Kunsill lest biss li jieħu sehem bl-istess termini li intuzaw fil-korsijiet tal-iKids.

5. Korrispondenza dwar proġett Homework Club fejn fuq suġġeriment tal-**Kunsillier Bjorn Azzopardi**, l-Kunsill qabel li għandu joħroġ sejħa għall-offerti għall-għalliema u jkun hemm ħlas mill-istudenti tal-iskola Primarja ta' Eur30 għal *half yearly exams*, u Eur50 għal min ikompli sal-*finals*.

**21/06/02** **Il-Kunsillier Jason Busuttil** skuza ruħu mil-laqgħa fis-7.35pm

## 21/07 INFORMAZZJONI

**21/07/01** **Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** issugerixxa li għandha tiġi organizzata ħarġa edukattiva għat-tfal matul il-mid-term holidays. Il-Kunsill approva nem.con

**21/07/02** **Il-Kunsillier Sean Meli** informa lill-Kunsill li għal Business Forum kien hemm bejn 35 u 50 applikazzjoni. Il-Kunsillier Sean Meli kompla li jidher li hemm interess f'dan il-Business Forum wara li saret il-Konferenza Stampa fl-uffiċċju tal-Kunsill mas-Segretarju Parlamentari Edward Zammit Lewis.

**21/07/03** **Il-Kunsillier Sean Meli** informa lill-Kunsill li l-attivita li tikkomemora Jumi Dinji tas-Saħħa ser issir fit-13 ta' Ottubru fi Pjazza Narbona fejn ġie ikkonfermat li ħa jattendi l-Ministru tas-Saħħa. Il-Kunsillier Sean Meli kompla li fir-rigward ta' Jum Dinji tat-tfal qed jinbena programm ta' attivitajiet li fost l-attrazzjonijiet ser ikun hemm il-ferrovija li ser iddur mat-toroq tal-lokal. Huwa kompla li ser javviċina t-tlett baned għall-parteċipazzjoni tagħhom f'din l-attivita'.

## 21/08 AĠĠORNAMENT

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 7 ta' Ottubru 2013 fis-6.30 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa ntemmet fit-08:05 ta' fil-għaxija.

| | |
|---|---|
| Rosianne Cutajar<br>Sindku | Kenneth Brincat<br>Segretarju Eżekuttiv |

Minuti approvati llum ........................ ......... ta' ....................... 2013.
(Jum) (Data) (Xahar)